MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tas-27 ta' Jannar, 2004

Numru 28/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur Yvette Farrugia)**

**vs**

**JOSEPH CAMILLERI**

**Illum 27 ta' Jannar, 2004**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Joseph Camilleri ta' 48 sena, iben Christine u Carolina mitwielda Brightwell, mwieled Tas-Sliema fl-14.09.1955 u joqghod 5, Triq Hal-Far, Zurrieq, detentur tal-karta ta' l-identita` bin-numru 616355(M) gie akkuzat:

Talli bejn id-9 ta’ Awissu 2000 u s-7 ta’ Dicembru 2002 u/jew matul is-snin ta’ qabel fil-fond CBR Furniture Showroom, Triq Hal-Tarxien, Hal-Luqa, bhala detentur tal-imsemmi fond jew bhala persuna illi kellu f’idejh l-imsemmi fond, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjoniijet tal-ligi u li gew maghmulin b’rizoluzzjoni wahda,

1) ikkommetta serq ta’ eletriku li jammonta ghal Lm727.90,1 ghad-dannu tal-Enemalta Corporation liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, hin u valur.

2) ghamel hsara jew kisser parti minn meter tal-eletriku jew is-sigilli tieghu jew xi apparat jew s-sigilli taghhom jew gumni uzati fil-provista tal-eletriku jew sigilli taghhom.

Ghaldaqstant il-Qorti hija mitluba li tapplika art. 533 ta’ Kap. 9 tal-ligijiet ta’ Malta.

Semghet Provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens tal-Avukat Generali Dok. YF3 u nnutat li l-imputat m’ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li l-imputat ammetta l-akkuzi migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li rega’ gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat rega’ wiegeb li hu hati.

Innutat li l-Ufficjal Prosekutur iddikjarat fil-Verbal tas-Seduta ta’ llum li l-imputat ikkopera mal-Pulizija u li hi konsapevoli li l-imputat hallas dak kollu dovut lill-Korporazzjoni Enemalta rigwardanti dan il-kaz.

Innutat ukoll li fl-istess Verbal l-Ufficjal Prosekutur inoltre ddikjarat li t-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex il-Qorti tapplika l-artikolu 533 tal-Kap. 9 dan mhux applikabbli ghal dan il-kaz stante li ma kienx hemm spejjez inkorsi ghan-nomina ta’ esperti waqt il-kawza.

Rat l-artikoli 18, 261(b), (c) u (f), 263(a), 264, 267, 270, 278(3), 280(2) u 326(f) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Issib lill-imputat Joseph Camilleri, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fatt li l-Ufficjal Prosekutur iddikjarat fil-Verbal tas-Seduta ta’ llum li l-imputat ikkopera mal-Pulizija u li hi konsapevoli li l-imputat hallas dak kollu dovut lill-Korporazzjoni Enemalta rigwardanti dan il-kaz, il-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-kawza u l-fedina penali tal-imputat, tillibera lill-istess imputat taht il-Provvediment tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tliet (3) snin millum.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Joseph Camilleri l-ispjegazzjoni preskritta fis-sub-artikolu 22(3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------